4 ta' Novembru, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Caterina Vella *versus* Giovanni Vella

## Spoll — Passaġġ — Art. 572 tal-Kodiċi Ċivili

*Biex tkun tista' tingħata l-azzjoni ta' spoll, jeħtieġ li min jeżerċitaha jkollu l-pussess, ta' liema xorta jkun, jew id-detenzjoni tal-ħaġa; li jkun ġie spoljat bil-vjolenza jew bil-moħbi; u li jkun ġieb il-quddiem l-azzjoni relattiva fi żmien xahrejn mill-ispoll.*

*Kwantu għall-element tal-pussess, biex l-allegazzjoni tal-konvenut, fis-sens li l-attur ma għandux vesti ġuridka biex jeżerċita dik l-azzjoni għax il-pussess tiegħu huwa prekarju u bil-bona grazzja, tista' tirnexxi, hemm bżonn illi l-istess allegazzjoni tirriżulta almenu "prima facie", minn ċirkustanzi jew provi inkombenti lill-konvenut; u jekk dan ma jsirx, dik l-allegazzjoni ssir insostenibbli, peress li l-prekarjetà u t-tolleranza ma għandhomx jiġu preżunti. Għall-azzjoni ta' spoll biżżejjed li jkun hemm pussess ta' kull xorta; kwindi tant il-pussess ma-*

*terjali "di fatto", kemm il-pussess leġittimu mingħajr il-materjali detenzjoni tal-ħaġa, kif ukoll il-pussess "di diritto" ta' min ikun akkwista l-ħaġa, u qabel ma tkun saritlu l-konsenja tagħha; anki din ix-xorta ta' pussess, skond id-dottrina, biżżejjed biex tintitola għall-azzjoni ta' spoll.*

*Għalduqstant, jekk wieħed jiġi ostakolat fl-eżerċizzju tiegħu ta' passaġġ li minnu kien jgħaddi biex jaħdem ir-raba' tiegħu, avvolja l-godiment tiegħu jiġi biss diminwit, u l-konvenut ma jippruvax li l-attur kien juża dak il-passaġġ prekarjament jew bil-bona grazzja, l-azzjoni ta' spoll, għal dak li huwa l-element tal-pussess, hija sostnuta.*

*Kwantu għar-rekwiżit tal-ispoll, dan jikkonsisti fi kwalunkwe att arbitrarju li, "marte proprio", isir kontra l-volontà tal-persuna spoljata. Mhux neċessarju li jkun hemm il-privazzjoni totali tal-ħaġa, imma biżżejjed li jkun hemm diminuzzjoni tal-pussess, tfixkil fid-drittijiet, jew ħsara lil min isofri l-ispoll; u għalhekk huwa ndifferenti ż-żmien li jkun dam l-ispoll u l-entità tat-tfixkil jew ħsara fl-ispoljat.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attriċi, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet opportuni u li jingħataw il-provvedimenti neċessarji, billi l-attriċi tippossjedi x-xagħra msejħa "ta' Masrija" li tinsab fil-limiti tal-Mellieħa, li minnha l-konvenut għandu biss id-dritt li jaqta' ġebel biex jagħmlu ġir; u billi fl-aħħar xahrejn il-konvenut, per mezz ta' impjegati tiegħu, vjolentement u klandestinament, daħħal f'dik ix-xagħra kwantità ta' ġebel ieħor minn barra, li biħ ingombra t-trieq mnejn l-attriċi tista' ddaħħal demel bi trucks u karrettuni għall-istess xagħra, u b'hekk ikkommetta spoll; talbet li, previja jekk hemm bżonn id-dikjarazzjoni li huwa kkommetta spoll reċenti tad-dritt tal-passaġġ bi trucks u karrettuni tal-attriċi għall-fond imsemmi, il-konvenut jiġi kundannat jirreintegra lill-attriċi fil-pussess ·l-passaġġ fuq imsemmi, u konsegwentement ineħħi l-ġe- ' li daħħal fix-xagħra ndikata, b'mod li jħalli liberu l-aġġ għad-dħul tat-trucks u karrettuni. Bl-ispejjeż;

.at in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha ssot-

tometta illi l-attriċi qegħdha taħdem il-parti koltivabbli tax-xagħra b'titolu sempliċement prekarju u bil-bona grazzja tal-eċċipjent, u għalhekk ma għandhiex vesti ġuridika biex tagħmel din l-azzjoni; u illi l-eċċipjent ħalla lill-attriċi taħdem l-għalqa kompatibilment mal-bżonnijiet tiegħu fix-xogħol tiegħu tal-kalkara; u huwa ma għamel xejn ħlief poġġa xi ġebel għall-kalkara;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-attriċi tat-18 ta' Ġunju 1957, li biha ddikjarat illi l-ġebel li ntefa mill-konvenut fix-xagħra ndikata fiċ-ċitazzjoni jinsab il-lum imneħħi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, kif jingħad fiċ-ċitazzjoni, si tratta ta' spoll reċenti, jiġifieri dak kontemplat fl-art. 572 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi huwa magħruf li, biex tkun tista' tingħata l-azzjoni esperita skond id-dispożizzjoni fuq ċitata, jeħtieġ illi min jeżerċitaha jkollu l-pussess, ta' liema xorta jkun, jew id-detenzjoni tal-ħaġa; li jkun ġie spoljat bil-vjolenza jew bil-moħbi; u li jkun ġieb il-quddiem l-azzjoni relattiva fi żmien xahrejn mill-ispoll;

Illi l-konvenut qiegħed jattakka kull wieħed minn dawn ir-rekwiżiti, u għalhekk xieraq li kull wieħed minnhom jiġi eżaminat separatament;

Illi, kwantu għar-rekwiżit tal-pussess, il-konvenut jgħid li l-attriċi ma għandhiex vesti ġuridka biex tagħmel din il-kawża, għaliex hija qegħdha taħdem il-parti koltivata tax-xagħra in kwistjoni b'titolu prekarju u bil-bona grazzja. Din l-allegazzjoni trid tirriżulta, almenu "prima facie", minn ċirkustanzi jew provi inkombenti lill-konvenut (Kol-

lez. XXXIII-I-55; XXXVI-I-292); u jekk dan ma jsirx, l-eċċezzjoni ssir insostenibbli, peress li l-prekarjetà u t-tolleranza ma għandhomx jiġu prezunti (Troplong, Prescrizione, §393); u din il-prova l-konvenut ma għamilhiex. Difatti, barra milli din l-għaiqa tinsab f'idejn l-attriċi minn tmien snin l-hawn, jiġifieri mindu miet żewġha, u illha taħdimha, aħmenu għal xi sitt snin, per mezz ta' Giuseppe Cauchi, minn din l-għalqa l-attriċi tippossjedi in-nofs bħala proprjetarja, billi, "ex admissis", kienet ġiet akkwistata minn żewġha fil-kors taż-żwieġ (fol. 64). Issa, skond il-liġi, għall-azzjoni ta' spoll bizzejjed li jkun hemm pussess ta' kull xorta; kwindi tant il-pussess materjali "di fatto", kemm il-pussess leġittimu mingħajr il-materjali detenzjoni tal-ħaġa, u qabel ma tkun saritlu l-konsenja tagħha; anki din ix-xorta ta' pussess, skond id-dottrina, bizzejjed biex tintitola għall-azzjoni ta' spoll (v. Ricci, Diritto Civile, Vol. V, no. 109; Pacifici Mazzoni, Istituzioni, Vol. III, no. 50);

Illi, taħt dawn iċ-ċirkustanzi, l-attriċi għandha favur tagħha r-rekwiżit tal-pussess. Xejn ma jiswa illi, fejn il-konvenut okkupa bil-ġebel, ma kienx kollu koltivabbli; għaliex b'dak il-ġebel huwa mpedixxa l-aċċess liberu u tassoltu għall-porzjon tal-istess raba' fejn l-attriċi kienet tixħet u żżomm id-demel tagħha għal dak ir-raba'. Irriżulta infatti, a sodisfazzjon tal-Qorti, illi dak id-demel kien jinġarr bi truck, u a kawża tal-imsemmi ġebel dan it-truck ma setgħax jgħaddi; u dan hu bizzejjed biex jikkostitwixxi diminuzzjoni tal-pussess u tad-dgawdija tar-raba' kompetenti lill-attriċi;

Illi lanqas għandha valur l-obbjezzjoni tal-konvenut, li cjoè minn dak ir-raba' huwa, bħala wieħed mill-werrieta ta' missieru, għandu kwota ndiviża, u għalhekk fejn xeħet il-ġebel huwa art komuni għalieh u għall-attriċi; għaliex huwa, bħala konsorti, ma setgħax qatt jagħmel użu mill-ħaġa komuni b'mod li jippreġudika jew ifixkel id-drittijiet tal-konsorti l-oħra, fosthom l-attriċi (Kollez. XXXIX-I-123);

Illi, kwantu għat-tieni rekwiżit, jiġifieri l-ispoll vjolent, dan jikkonsisti fi kwalunkwe att arbitrarju li, "marte proprio", isir kontra l-volontà tal-persuna spoljata. Mhux meħtieġ li jkun hemm il-privazzjoni totali tal-ħaġa, imma biżżejjed li jkun hemm diminuzzjoni tal-pussess, tfixkil fid-drittijiet, jew ħsara lil min isofri l-ispoll; u għalhekk huwa wkoll indifferenti ż-żmien li jkun dam l-ispoll u l-entità tat-tfixkil jew ħsara lill-ispoljat. Kwindi ma jiswiex dak li jgħid il-konvenut, illi l-ġebel kien poġġieħ hemm għal ftit ġranet biss, li mbgħad ħil-fatt dam hemm għal żmien konsiderevoli. Lanqas jiswa, li, kif jippretendi l-konvenut, il-ġebel poġġieħ hemm għaliex ma kellux wisgħa fejn il-kalkara tal-ġir; difatti, hu stess xehed (fol. 44) li, fl-intervall, huwa kien baqa' jitfa' l-ġebel ħdejn l-istess kalkara. Fl-aħħarnett, lanqas hija attendibbli s-sottomissjoni tal-konvenut, li ċjoè il-ġebel tpoġġa hemm in konnessjoni mal-eżerċizzju tal-kalkara; għaliex il-ġebel, "ex admissis", ma kienx inqata' mill-barriera eżistenti fir-raba' in kwistjoni, imma kien inxtara minn barra; u għalhekk il-konvenut ma setgħax ipoġġi dak il-ġebel fejn poġġieħ;

Illi, ghalkemm id-demel ma jitpoġġiex fil-porzjoni raba' in kwistjoni ħlief xi erbgħa darbiet fis-sena, il-ġebel in kwistjoni nxteħet mill-konvenut proprju meta l-attriċi riedet titfa' d-demel li kellha fl-istallel fuq il-munzell eżistenti f'dik l-għalqa (fol. 25); u dan apparti l-konsiderazzjonijiet ġa fuq esposti;

Illi għaldaqstant anki dan it-tieni rekwiżit jinsab sostanzjat;

Illi, kwantu għaż-żmien, irriżulta għas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-azzjoni ġiet proposta fix-xahrejn preskritti mill-liġi;

Illi minn dak li ntqal jidher li l-istanza tal-attriċi hija sostnuta;

Illi fl-udjenza tal-lum l-attriċi ppreżentat nota li biha rrinunzjat għall-meritu, billi l-konvenut, fil-mori tal-kawża, neħħa l-materjal imsemmi fiċ-ċitazzjoni, u żammet sħieħ il-kap tal-ispejjeż;

Għal dawn il-motivi;

Tastjeni ruħha milli tiddeċidi l-meritu, għax rinunzjat;

U tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.